**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Ottubru 2020**

**Rikors Numru : 216/2019/2 JPG**

**Kawza Numru : 16**

**FC**

**Vs**

**AC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AC, datat 2 ta' Marzu 2020, li jaqra hekk:

1. *L-esponenti ġie meqjus notifika bir-rikors ġuramentat nhar l-1 ta' Ottubru, 2019.*

2. *Din il-kawża hija dwar is-separazzjoni tal-partijiet; meta l-atti ġew f'idejn l-esponenti, huwa ma setgħax jifhem il-kontenut tad-dokumentazzjoni. Ġara li fil-perjodu li saret in-notifika lill-esponenti kien (u għadu) għaddej minn żmien ferm ikrah – mentalment u emmozjonalment imkisser - u dan kif ser jiġi spjegat iktar 'il quddiem.*

3. *B'din is-separazzjoni, l-intimat tkisser emozzjonalment u mentalment mhux biss għax sab ruħu waħdu, jgħix waħdu iżda wkoll għax spiċċa mingħajr sapport ta' ħadd.*

4. *Mid-daqqa t'għajn lejn l-atti, moħħ l-esponenti ħaseb biss u innota li huwa għandu jidher fis-27 ta' Novembru, 2019. Infatti dakinhar tas-seduta huwa kien ser jattendi s-seduta ta' dina l-Onorabbli Qorti iżda imbagħad ftit ġranet qabel is-seduta, l-attriċi kienet infurmatu li s-seduta ġiet differita għal data oħra.*

5. *Inoltre, l-esponenti, raġel anzjan ta' 67 sena, ibagħti minn diversi kundizzjonijiet mediċi inkluż mid-dipressjoni. Tant huwa hekk li huwa qiegħed taħt il-kura ta' Dr. J. P. Giorgio u għadu sal-lum jattendi s-sessjonijiet ġewwa Paola Mental Health Clinic.*

6. *Issir aċċenn ukoll li l-esponenti lanqas kien preżenti għall-aħħar seduta tal-medjazzjoni għar-raġuni li l-attriċi kienet għarfet lill-medjatur sabiex tagħlaq il-medjazzjoni tramite email u għalhekk l-intimat kellu l-perċezzjoni li huwa ser jerġa jattendi għall-medjazzjoni.*

7. *L-esponenti ma kellu l-ebda intenzjoni li jiddisrispetta lil dina l-Onorabbli Qorti bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għall-kawża. L-esponenti sempliċiment safa vittma taċ-ċirkostanzi sfortunati lil hinn mill-kontroll tiegħu. Anke għaliex il-kundizzjoni medika tal-esponenti ħalliet effetti negattivi fuq l-esponenti li waslitu għal disorjentament ġenerali fit-tmexxija ta' ħwejġu.*

8. *Il-Qrati tagħna saħqu li, "l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi – bħala element ta' disordni soċjali . Illi fuq ix-xaqliba l-oħra, u minħabba l-effett irriversibbli li l-kontumaċja ġġib magħha, il-Qrati tagħna ddeċidew li r-rigorosita' tal-proċedura għandha tiġi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għal ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumaċja titqies ġustifikata .*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha,*

*prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni meqjusa neċessarja tqis għar-raġunijiet premessi li l-esponenti pruva għas-sodisfazzjoni tagħha li kellu raġuni tajba għaliex naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmis u takkordalu terminu biex matulu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu.*

Rat illi l-atti tar-rikors, d-dokumenti esebiti u d-digriet gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' FC datata 25 ta' Mejju 2020, li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti umilment tissottometti illi t-talba tal-konvenut ghall-prezentata tar-risposta guramentata tieghu ghandha tigi michuda, u dan ghas-segwenti ragunijiet.*

2. *Illi mill-atti jirrizulta illi n-notifika sehhet nhar l-1 ta' Ottubru 2019, u r-rikors odjern gie nhar it-2 ta' Marzu, 2020, u ghaldaqstant hames xhur wara.*

3. *Illi l-konvenut qieghed jallega illi huwa kontumaci konsegwenza tad-diversi kondizzjonijiet medici illi huwa jsofri minnhom inkluz dipressjoni u ghax huwa 'tkisser emozzjonalment u mentalment' konsegwenza ta' din is-separazzjoni personali.*

4. *L-esponenti tissottometti illi tali spjegazzjoni m'hija xejn hlief gustifikazzjoni fjakka tal-kontumacja u disrispett tieghu lejn is-sejha tal-Onor. Qorti. Kjarament, il-konvenut m'ghandux dik il-'kawza gusta' sabiex tigi gustifikata il-kontumacja tieghu. Dan jinghad fl-isfond tas-segwenti fatti:*

   i. *Tul il-medjazzjoni, l-attrici ghamlet xi rikorsi, peress li mara ta' fuq sittin sena kella titlaq mid-dar matrimonjali minhabba il-vjolenza domestika kemm fil-konfront taghha kif ukoll fil-konfront tal-ulied F u E C, u ghal tali rikorsi l-intimat dejjem wiegeb tramite l-avukat tieghu. Ghalhekk l-intimat kien jaf sew x'kellu jaghmel malli huwa gie notifikat bl-atti tal-kawza.*

ii. *L-intimat ghamel snin twal jghallem f'iskejjel, u huwa jaf jaqra. L-avviz huwa wiehed car, u wiehed li jigi notifikat b'rikors guramentat ghandu 20 jum biex iwiegeb.*

iii. *L-initmat fehem sewwa li huwa kien gie notifikat bil-kawza ghas-separazzjoni personali. Propju fl-1 ta' Ottubru 2020, hekk kif ghadu kif gie notifikat, l-intimat mar fir-residenza taghha. L-attrici kellha habta izomm il-bieb fuq l-antiporta, u huwa qabad u dahal, isaqsiha ghala kienet fethet kawza. L-attrici tiftakar sew li din kienet id-data, peress li l-1 ta' Ottubru jahbat jum gheluq snienha. Dakinhar l-attrici kienet cemplet lill-avukat sottofirmata, imwerwra b'dak li kien sehh. Il-parir tal-avukat sottofirmata kien li hija kellha taghmel rapport l-ghassa, pero' hija hasbet li b'rapport l-ghassa, l-affarijiet kienu aktar se jigravaw.*

5. *Illi l-Qrati taghna dejjem kienu konsistenti dwar il-kwistjoni ta' kontumacia u cioe' li irrid ikun hemm ragunijiet serji li jiggustifikaw tali nuqqas da parti tal-intimat. tali, ragunijiet ma gewx indikat mill-intimat fir-rikors tieghu. Li wiehed ikun ibati minn dipressjoni jew li wiehed jispicca wahdu ghax ikun tratta b'mod hazin lill-martu u 2 minn 3 ulied, mhux licenzja biex ma jwegibx ghall-atti ta' din l-Onor. Qorti fil-hin. L-attrici ghandha id-diffikultajiet medici taghha, inkluz ukoll dipressjoni, u certament, hafna partijiet illi jkunu ghaddejin minn proceduri ta' separazzjoni personali ikollhom id-diffikultajiet taghhom, izda dan ma jfissirx li wiehed ikun jista' jonqos mir-rispett tieghu lejn din l-Onor. Qorti u jipprezenta r-risposta guramentata tieghu meta jidirlu huwa.*

6. *Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti l-esponenti tissottometti illi din l-Onor. Qorti ghandha tichad it-talba kontenuta fir-rikors tal-konvenut tat-2 ta' Marzu 2020, bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.*

**Ikkonsidrat;**

**Dr. Jean Pierre Giorgio** xehed illi huwa psikjatra u jahdem gewwa il-Mental Health Centre ta'

Rahal Gdid fejn kien jattendi l-konvenut. Spjega li l-ewwel darba li l-konvenut kien prezenta ruhu fil-Psychiatric Out-Patient kien fl-2006, meta kien qieghed taht il-kura ta' psikjatra iehor, u kien prezenta b'*depressive disorder* li baqa' jigi trattat ghalih. Xehed illi l-konvenut ilu taht il-kura tieghu mill-2009 minhabba *depression* u spjega illi jkun hemm mumenti fejn ikun stabbli, filwaqt illi jkun hemm mumenti ta' depressive disorder, u zied illi l-ahhar li ra lil konvenuti kien f'Settembru 2019 meta l-konvenut kien sejjer mhux hazin u kien naqqaslu l-medikazzjoni peress illi kien qieghed ibati minn xi *side-effects.* Mistoqsi kif din il-kondizzjoni taffetwah fil-hajja tieghu ta' kuljum xehed illi, bhal kull min ghandu din il-kondizzjoni, l-konvenut ikollu mumenti fejn ibaghti fl-affarijiet ta' kuljum bhal li jiehu hsieb tieghu innifsu jew hegga biex jaghmel l-affarijiet tas-soltu. Bhala medikazzjoni spjega li l-konvenut jiehu *anti-depressant* kif ukoll *anti-histamine* sabiex jghinu jorqod bil-lejl.

**In kontro-ezami** u mistoqsi jekk il-kondizzjoni li ghandu l-konvenut taffetwa l-abilita tieghu li jifhem meta jircievi xi atti mill-Qorti, xehed illi dan ikun jiddependi mill-istat mentali tieghu f'dak iz-zmien, u li jista' jkun li ikun *depressed* ikollu nuqqas ta' motivazzjoni u koncentrazzjoni u kif ukoll ansjeta u ma jkollux hegga li jaghmel xi haga dwarha. Rigward il-fatt illi l-konvenut ircieva r-rikors guramentat xahar wara l-appuntament tieghu max-xhud, spjega illi difficli jghid kif kien l-istat tal-konvenut meta rcieva r-rikors ghaliex l-istat mentali tieghu jista' jinbidel anke fi zmien gimgha.

**Pierre Galea** xehed illi huwa Psychiatric Nurse u Deputy Charge Nurse u kkonferma illi l-konvenut jattendu l-Mental Health Centre ta' Rahal Gdid minhabba l-kondizzjoni ta' *depression* u qieghed taht il-kura ta' Dr. Jean Pierre Giorgio.

**L-attrici** xehdet fl-1 ta' Ottubru 2019 kienet halliet il-bieb miftuh fuq l-antiporta u f'daqqa wahda bdiet tisma' hafna storbju u inbiegh ta' kelb, u meta marret tara x'gara sabet illi l-konvenut kien qabad u dahal id-dar, minkejja li m'ghandux cavetta. Qalet illi qabdet tghajjat u tibki u l-konvenut beda jitlobha biex jitkellmu ghaliex ried ikun jaf xi trid halli jkunu jistghu jiftiehmu bil-kwiet.

**In kontro-ezami** innegat li f'dan l-episodju li semmiet, il-konvenut kien mar ghandha biex

jipprovaw jirrangaw.

**Ikkonsidrat:**

Dan huwa digriet wara rikors intavolat mill-konvenut sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu. Jirrizulta li l-konvenut kien gie notifikat bir-rikors guramentat tal-attrici fl-1 ta' Ottubru 2019 u ghaldaqstant kellu sal-21 ta' Ottubru 2019 sabiex jipprezenta validament ir-risposta guramentata tieghu. Jirrizulta izda illi l-konvenut naqas milli jaghmel dan, u ghalhekk prezenta l-istanti rikors sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu. Il-konvenut isostni illi naqas milli jirrispondi fil-hin mhux b'disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti, izda ghaliex huwa ma fehemx l-import tar-rikors guramentat illi rcieva, li ma kienx jaf li l-medjazzjoni kienet giet maghluqa, u minhabba l-kondizzjoni medika li huwa jbghati minnha u li ghaliha qieghda that il-kura tal-Psikjatra Dr. Jean Pierre Giorgio. L-attrici minn naha taghha oggezzjonat ghat-talba tal-konvenut u sahhqet illi l-konvenut kien ghalliem ghal numru ta' snin u ghalhekk jaf jaqra sew u illi tul il-medjazzjoni hija kienet prezentat diversi rikors li ghalihom dejjem irrisponda u ghalhekk ma jirrizultax illi kien hemm impediment legittimu sabiex jipprezenta r-risposta guramentata tieghu.

Fir-rigward tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja, intqal illi:

> "***Biex il-kontumacja tal-parti konvenuta tkun gustifikabbli, din trid tkun involontarja, mhux kolpuza (i.e., li tohrog minn ghemil traskurat), skatenata minn (jew rizultat ta') kawza gusta konsistenti f'impediment legittimu, tali impediment irid ikun indipendenti mill-volontà tal-konvenut, tali impediment jista' jkun frott ta' zball basta jkun wiehed invincibbli, tali impediment legittimu ghandu jkun fiziku u mhux wiehed merament morali. F'dan is-sens ara il-casus classicus fl-ismijiet Vittoria Cassar v. Carmelo Vassallo (Appell Inferjuri, 29 ta' Mejju, 1937; riportata f'Kollez. XXIX-I-1581), citata b'approvazzjoni sa zminijiet ricenti, u fost decizjonijiet ohra, in re Simone Eve Collett Sammut et v. Adam Sammut et (Pim'Awla, 17 ta' Marzu, 2015.***"[1]

Il-Qorti rat illi mix-xhieda tal-Psikjatra Dr. Jean Pierre Giorgio jirrizulta li l-konvenut ibaghti minn *depressive disorder* u li b'konsegwenza ta' dan il-konvenut jesperjenza nuqqas ta' hegga

[1] **Margal Limited vs Eucharist Bajada,** TTZ, deciza 5 ta' Frar 2019.

biex jiehu hsieb lilu nnifsu u l-affarijiet ta' kuljum, nuqqas ta' motivazzjoni u koncentrazzjoni, kif ukoll ansjeta, u li huwa jiehu medikazzjoni sabiex jikkontrolla din il-kondizzjoni, kif ukoll medikazzjoni sabiex ikun jista' jorqod bil-lejl.

Ikkonsidrat dan, il-Qorti tqis illi ma jistax jinghad li l-konvenut naqas milli jirrispondi entro t-terminu legali b'xi dispett jew disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti. Huwa minnu li l-Psikjatra kuranti tieghu ma setghax jghid b'certezza x'kien l-istat mentali tal-konvenut fiz-zmien meta rcieva r-rikors guramentat tal-attrici peress illi kien ilu ma jarah xahar, pero fil-fehma tal-Qorti ikkonsidrat l-ispjegazzjoni ta' dan ix-xhud dwar kif il-kondizzjoni medika tal-konvenut taffetwah fil-hajja ta' kuljum tieghu, il-Qorti tqis illi l-konvenut ghandu jinghata l-beneficcju tad-dubbju. Dan ikkonsidrat illi f'dak li ghandu x'jaqsam mal-prezentata ta' risposta guramentata qieghdin fil-kamp tad-dritt fondamentali ta' smiegh xieraq, li m'ghandux jigi mittiefes minghajr raguni valida, specjalment meta jigi muri lil Qorti li l-konvenut ibaghti minn kondizzjoni medika li taghmilha ferm difficli, jew mhux xi drabi impossibli ghalih, li jiggestixxi l-affarijiet tieghu ta' kuljum. Il-Qorti taghmel referenza hawnhekk ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Frangisku u Marianna Tona vs Martin Zerafa** deciza fit-23 ta' Jannar 2004, fejn rigward dan l-artikolu intqal illi:

> "***Huwa pacifiku illi l-ligi ta' procedura hi ta' ordni pubbliku u kwindi ghandha tigi "osservata alla lettera e non per equipollens" (Vol XVII pI p879). It-terminu ghalhekk dettat fl-Artikolu 187 (3), in kwantu terminu gudizzjarju jew legali, ma setghax jigi akkorcjat.***
>
> ***In-nuqqas ta' osservanza ghal dan it-terminu procedurali fil-Qorti ta' l-ewwel grad spiss drabi jimporta n-nullita` tas-sentenza u dan ghar-ragunijiet fundamentali ta' gustizzja, kemm procedurali, kemm sostanzjali.***
>
> ***Id-disposizzjoni ezaminata hi certament, u essenzjalment ukoll, wahda ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghha jigi accertat illi l-persuna notifikanda tibbenefika kif jixraq minnha fil-harsien tad-dritt fondamentali tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. In generali sservi wkoll l-andament kif imiss u kif mistenni tas-sistema processwali kollu.***"

Fid-dawl tal-kondizzjoni medika tal-konvenut, il-Qorti tikkonsidra li n-nuqqas tieghu li jipprezenta r-risposta entro termine ma kienx kolpuz u kien dovut ghal impediment legittimu ikkawzat mir-riperkussjonijiet ta' din il-kondizzjoni, u dan l-impediment kien certament kontra l-volonta tal-konvenut. Il-fatt li huwa kien ghalliem u li ghalhekk jaf jaqra sew kif argumentat l-attrici m'ghandu l-ebda relevanza f'dan il-kuntest peress illi x-xhieda tal-Psikjatra kuranti tal-konvenut turi illi l-problema m'hijiex fis-sens illi l-konvenut ma jifhimx dak li jkun qed jaqra izda li, b'konsegwenza tal-kondizzjoni tieghu, ma jkollux il-motivazzjoni sabiex jiehu hsieb l-affarijiet tieghu. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-kontumacja tal-konvenut hija gustifikata, u minn dan isegwi li l-konvenut ghandu jinghata terminu entro liema jipprezenta r-risposta guramentata tieghu.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mir-rikors tal-konvenut tat-2 ta' Marzu 2020 u r-risposta tal-attrici tal-25 ta' Mejju 2020 billi tilqa' t-talba, tiddikjara illi l-kontumacja tal-konvenut hija gustifikata, u takkorda lill-konvenut gimghatejn mid-data ta' dan id-digriet sabiex jipprezenta r-risposta guramentata tieghu.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**